25 ta' Mejju 2018
56/2018

## L-ARĊISQOF JIPPREŻENTA U JNIEDI L-VERŻJONI BIL-MALTI TAL-EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA TAL-PAPA FRANĠISKU *IFIRĦU U THENNEW*

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jagħti preżentazzjoni u jniedi l-verżjoni bil-Malti tal-Eżortazzjoni Appostolika l-ġdida tal-Papa Franġisku *Gaudete et Exsultate* (Ifirħu u Thennew). Il-preżentazzjoni ser issir nhar il-Ħamis, 31 ta' Mejju 2018, fis-7pm, fil-bitħa ċentrali tas-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù, ir-Rabat. Fi tmiem il-preżentazzjoni l-Arċisqof ser imexxi mument ta' talb. Il-pubbliku huwa mistieden jattendi.

F'din l-eżortazzjoni, il-Papa Franġisku jitkellem dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tal-lum. Fiha l-Papa jfakkar li l-Knisja tgħallem li l-qdusija hija sejħa universali, jiġifieri li l-bnedmin kollha, mhux l-Insara biss, jistgħu jsiru qaddisin, u dan billi jgħixu l-Beatitudnijiet li nsibu fl-Evanġelju. Anke f'din l-eżortazzjoni, il-Papa Franġisku jitkellem dwar il-ferħ u l-hena tal-ħajja Nisranija kif jixhed it-titlu stess tal-eżortazzjoni, *Gaudete et Exsultate* (Ifirħu u Thennew), li huwa l-istess kliem li Ġesù jgħid lil dawk li huma ppersegwitati jew umiljati għaliex jimxu warajh (ara Mt 5:12).

Il-Papa Franġisku ppubblika żewġ eżortazzjonijiet oħra: *Evangelii Gaudium* fl-2013 u *Amoris Laetitia* fl-2016. Dan wara ż-żewġ enċikliċi, *Lumen Fidei u Laudato si'*, li nkitbu wkoll matul dawn l-aħħar ħames snin tal-Pontifikat tiegħu.

It-traduzzjoni tal-Eżortazzjoni Appostolika *Gaudete et Exsultate* mit-Taljan għall-Malti saret minn Francesco Pio Attard għall-Konferenza Episkopali Maltija. Il-verżjoni stampata li tinkludi werrej tematiku hija disponibbli mill-ħanut Emmaus f'Birkirkara, filwaqt li l-verżjoni online tinsab fuq il-website uffiċjali tal-Arċidjoċesi ta' Malta www.knisja.mt u l-website tas-Segretarjat għal-Lajċi www.laikos.org fejn hemm ukoll verżjoni bl-awdjo għall-persuni neqsin mid-dawl.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**